MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 89/2001/1

**Ivan Zammit**

**Vs**

**Alexander Agius Templeman u Joanne Alamango**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attur sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati prevja dikjarazzjoni li huma responsabbli ghall-hsarat ikkaguanti fil-mutur numru ta' registrazzjoni GAK-064, propjeta' tal-attur, meta b'konsegwenza tan-negligenza tal-konvenuta Joanne Alamango dan il-mutur insteraq mill-konvenut Alexander Agius Templeman, li eventwalment habat bih, bir-rizultat li gew ikkawzati danni lill-attur konsistenti fi hsara fl-istess vettur u telf ta' qliegh minnha, liema danni ma jeccedux is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

B'hekk il-konvenuti gew kkundanati jhallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat, anke permezz ta' periti nominandi, ghad-danni kollha sofferti mill-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 2000, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-istess attu ra fol 14 tal-atti u li biha ceda din il-kawza fil-konfront ta' Alexander Agius Templeman stante li dan miet fil-mori tal-istess waqt li zamm ferm il-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuta .

Wara li rat id-dokumenti a fol 31 sa fol 33, u a fol 39 sa fol 41 tal-istess atti u dan in konnessjoni ma dak verbalizzat a fol 29, fol 34 u fol 37 tal-istess atti;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-14 ta' Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli lanqas fis-seduta sussegwenti u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma ta' Lm1000.00,0 bl-imghax legali mis-sebgha (7) ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 2000.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------